**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' knejjes u Superjuri Reliġjużi

## IL-ĦAMES ANNIVERSARJU TAL-ORDINAZZJONI EPISKOPALI TA' MONSINJUR ARĊISQOF

Nhar il-Ġimgħa 24 ta' Novembru 2017 jaħbat il-ħames anniversarju tal-Ordinazzjoni Episkopali ta' Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna.

Xieraq li b'mod speċjali dakinhar aħna nitolbu ghal Mons. Arċisqof biex il-Mulej ikun miegħu u jagħtih l-għajnuna li jeħtieġ fil-qadi tal-ministeru tiegħu bħala Ragħaj tal-Knisja f'Malta.

Dakinhar, fl-24 ta' Novembru, fis-6.30 p.m., Mons. Arċisqof se jqaddes fil-knisja arċipretali tal-Mosta fil-bidu tal-Assemblea Djoċesana. Kulħadd hu mistieden jingħaqad mal-Arċisqof f'din il-quddiesa. Is-saċerdoti kollha, djoċesani u reliġjużi, li jkunu jistgħu, huma mistiedna jikkonċelebraw ma' Mons. Arċisqof.

Biex ningħaqdu lkoll f'dan it-talb, fit-Talba tal-Fidili tal-Quddies kollu ta' dakinhar għandha tiżdied din l-invokazzjoni: 'Mulej, ħares u seddaq lill-Arċisqof tagħna biex ikun għalina ta' ġid fir-ruħ, bil-kelma u bl-eżempju, ħa jwassalna miegħu fil-hena ta' dejjem'.

Fil-knejjes kollha tal-Arċidjoċesi fejn tiġi ċċelebrata aktar minn Quddiesa waħda, waħda minnhom jixraq li tkun dik tal-Anniversarju Episkopali ta' Monsinjur Arċisqof (ara Missal Ruman, paġna 878).

Dakinhar tal-ħames anniversarju, se jkun ippubblikat it-tieni volum tal-omeliji, id-diskorsi u l-messaġġi tal-Arċisqof fis-snin 2015-2016, bit-titlu *Kelma ta' Ħabib*, ktieb li kulħadd se jkun jista' jakkwista kopja tiegħu mill-Kurja. Hu ktieb li jagħti ispirazzjoni u għajnuna biex nimxu fit-triq tal-fedeltà u tal-verità.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 14 ta' Novembru 2017.

| | |
|---|---|
| Mons. Lawrence Gatt | Joseph Galea Curmi |
| Kanċillier | Vigarju Ġenerali |